

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew bid-data tat-12 ta' April 2013 li jkeċċih b'effett mill-15 ta' Lulju 2013;
- jiffissa għal EUR 45 000, flimkien mal-interessi moratorji, l-ammont tal-kumpens dovut lir-rikorrent fil-każ li l-Parlament Ewropew jinvoka impossibbiltà ġuridika għar-reintegrazzjoni tiegħu billi jaħtru bħala uffiċjal permanenti;
- jikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż kollha.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Marzu 2014 – ZZ vs Il-Parlament**(Kawża F-17/14)**

(2014/C 184/67)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni li ma jingħatawx tliet punti ta' mertu lir-rikorrent fil-proċedura ta' promozzjoni 2012.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-3 ta' Lulju 2013 dwar id-deċiżjoni tal-punti ta' mertu għas-sena 2012.
- jannulla, sa fejn meħtieġ, id-deċiżjoni tas-6 ta' Diċembru 2013 dwar iċ-ċaħda tal-ilment;
- jikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Marzu 2014 – ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-19/14)**

(2014/C 184/68)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni li jiġu akkreditati d-drittijiet għal pensjoni tar-rikorrent fl-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni skont id-DĠI l-ġodda dwar l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal

Talbiet tar-rikorrent

- jiddikjara illegali u għaldaqstant inapplikabbli, l-Artikolu 9 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal;

- jannulla d-deċiżjoni tal-24 ta' Mejju 2013 li jiġu akkreditati d-drittijiet għall-pensjoni miksuba mir-rikorrent qabel id-dħul tiegħu fis-servizz, fil-kuntest tat-trasferiment tagħhom fl-iskema ta' pensjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem l-“ISPIUE”), skont id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni (iktar 'il quddiem id-“DGI”) tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2014 – ZZ vs Europol

(Kawża F-21/14)

(2014/C 184/69)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: J.-J. Ghosez, avukat)

Konvenuta: Europol

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni li ma jiġgeddid, għal żmien indeterminat, il-kuntratt għal żmien determinat tar-rikorrenti u li l-Europol tiġi kkundannata għall-ħlas tad-differenza bejn l-ammont tar-remunerazzjoni li hija kienet setgħet tirċievi fil-każ li baqgħet taħdem u l-allowances tal-qgħad jew kwalunkwe allowance oħra ta' sostituzzjoni li hija rċeviet

Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-deċiżjoni meħuda mill-konvenuta fit-13 ta' Mejju 2013 li permezz tagħha l-konvenuta tinforma lir-rikorrenti li hija mhux ser ittiha kuntratt għal żmien indeterminat u li l-kuntratt tagħha li għadu għaddej kien ser jiskadi fil-31 ta' Ottubru 2013 kif ukoll id-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tal-ilment tagħha tat-13 ta' Diċembru 2013;
- jikkundanna lill-konvenuta tħallas lir-rikorrenti d-differenza bejn, minn naħa, l-ammont tar-remunerazzjoni li hija kienet setgħet tirċievi fil-każ li baqgħet taħdem fi ħdanha u, min-naħa l-oħra, l-ammont tar-remunerazzjoni, l-onorarji, l-allowances tal-qgħad jew kwalunkwe allowance oħra ta' sostituzzjoni li hija effettivament irċeviet mill-1 ta' Novembru 2013 minflok ir-remunerazzjoni li hija kienet tirċievi bħala membru tal-persunal temporanju;
- jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha tal-kawża.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Marzu 2014 – ZZ vs KESE

(Kawża F-23/14)

(2014/C 184/70)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: L. Levi et A. Tymen, avukati)

Konvenut: Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)

Suġġett

Annulament tad-deċiżjonijiet li r-rikorrent jiġi assenjat mill-ġdid mill-pożizzjoni ta' kap ta' unità għall-pożizzjoni ta' konsulent u li ma jibqax jitħallas l-allowance maniġerjali kif ukoll talba sabiex jitħallas kumpens għad-danni.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-Deċiżjoni 326/13 A tas-Segretarju Ġenerali tal-KESE, tas-26 ta' Ġunju 2013, li r-rikorrent jiġi assenjat mill-ġdid għal pożizzjoni ta' Konsulent tad-Direttur tad-Direttorat tal-Loġistika, b'effett mill-1 ta' Settembru 2013;